# Restawr tal-kwadru titulari

**Keith Micallef**

Il-kwadru titulari fil-Knisja ta' San Gejtanu tal-pittur Taljan Pietro Gagliardi ilu meqjum fil-parroċċa tal-Ħamrun sa minn Lulju tal-1881. Minn dak iż-żmien sal-lum għaddew 136 sena u kien biss fix-xhur li għaddew li għall-ewwel darba sar proġett professjonali ta' restawr, billi l-kwadru nqala' minn postu u ttieħed f'laboratorju speċjalizzat f'Malta stess.

Imwieled f'Ruma fid-9 ta' Awwissu tal-1809 minn Francesco u Angela Zucchi, Pietro Gagliardi kien beda jistudja l-arkitettura imma wara l-mewt ta' ħuh kien inxteħet fuq il-pittura. Attenda l-Accademia di San Luca fejn tgħallem taħt il-pittur magħruf Taljan Tommaso Minardi u ħa sehem f'diversi konkorsi fejn kien anki ġie fit-tieni post fl-1827.



*Il-pittur tal-kwadru titulari ta' San Gejtanu Pietro Gagliardi*

Matul il-karriera tiegħu kien ibbażat f'Ruma f'Palazzo Giustiniani fi Piazza San Luigi dei Francesi. L-ewwel biċċa xogħol ta' ċertu importanza li kien ikkummissjonat, kienet fl-1834 meta fi Frascati, kien għamel id-dekorazzjoni tal-Kappella ta' San Sebastjan f'Villa Aldobrandini għall-Prinċep Francesco Borghese Aldobrandini.

Fis-snin erbgħin tas-seklu dsatax kien ħa reputazzjoni għall-pittura sagra u ħadem flimkien man-neputijiet tiegħu Francesco u Giovanni. Fl-1847 kien ħadem fuq id-dekorazzjoni tal-affresk fil-knisja ta' San Ġlormu tal-Kroati f'Ruma.

Gagliardi kien għamel xogħlijiet f'numru ta' residenzi ta' personaġġi magħrufa u membri tal-aristokrazija fosthom f'Castel Gandolfo fl-1841 li hi wkoll ir-residenza tas-sajf tal-Papa, f'Palazzo Torlonia fi Piazza Venezia (1842) li sfortunatament kien twaqqa', fil-Casino dell'Aurora fuq xewqa tal-Prinċep ta' Piombino Antonio Boncompagni Ludovisi (1855-1858) u fil-Palazzo Sangermano-Rappini f'Arpino fl-1871. Sadattant bejn l-1854 u l-1868 kien ħadem fuq id-dekorazzjoni tal-affresk tal-knisja ta' Sant'Antnin f'Ruma wkoll.

Matul il-karriera tiegħu Gagliardi kien membru tal-Congregazione dei Virtuosi al Pantheon bejn l-1957 fejn kien president. Kien ukoll professur akkademiku ta' San Luqa u kien membru tal-kummissjoni li fl-1870 ħadet ħsieb il-pittura fl-espożizzjoni Rumana tal-arti kattolika.

Gagliardi miet fi Frascati fid-19 ta' Settembru tal-1890 u jinsab midfun fil-kappella



*Pierre Bugeja ta' Prevarti Studios fejn sar ir-restawr jispjega l-intervent*



*Tindif tal-kwadru b'reqqa kbira minn effetti ta' umdità u nugrufun*

ta' San Ġużepp li hu stess kien irrestawra u pitter, fil-Knisja ta' Santu Wistin.

Lura għall-kwadru titulari ta' San Gejtanu ta' dan il-pittur Taljan, dan kien sewa £100 li għal dak iż-żmien kienet somma konsiderevoli u ħallas għalih l-Isqof Gaetano Pace Forno. Fil-fatt fuq in-naħa tal-lemin fil-parti t'isfel insibu ħamiema u grada, li jissimbolizzaw il-paċi u forn, u b'hekk l-istemma tal-kunjom tal-isqof.

Matul ix-xogħol ta' restwar li sar fil-Prevarti Studios sar magħruf li l-kwadru kien tlesta ferm qabel ma nġieb fil-knisja fl-1881. Sa qabel sar dan ir-restawr id-data u l-firma tal-artist ftit li xejn kienet tidher. Iżda issa sar magħruf li Gagliardi kien lesta l-kwadru titulari fl-1872, disa' snin qabel. Filwaqt li dwar dan id-dewmien ftit li xejn nafu, pero mhux eskluż li dan hu marbut mad-dewmien fil-bini tal-knisja li kien waqa' lura.

Il-figuri ewlenin fix-xogħol ta' Gagliardi li juri waħda mill-viżjonijiet li kellu San Gejtanu fosthom fil-lejl tal-Milied meta l-Madonna tatu biex iżomm lil Ġesù Bambin, instab li kellhom kisja ta' verniċ fuqhom.

Matul ix-xogħol ta' restawr immexxi minn Pierre Bugeja, instab li dan it-tip ta' verniċ kien ingħata xi żmien ilu, mhux magħruf eżattament meta, f'attentat li jsir xi tip ta' restawr lil dan il-kwadru. Jidher li dan kien ingħata fil-post għax f'partijiet mill-pittura instab ukoll xi ċarċir ta' din is-sustanza. Sfortunatament, it-tneħħija ta' dan il-verniċ kienet l-iktar biċċa xogħol diffiċli matul ir-restwar li ħa madwar tliet xhur. Wieħed mill-effetti ta' dan il-verniċ kien li bdew joħorġu tikek suwed li l-iktar li kienu jagħtu fil-għajn kien fil-partijiet ċari.

Waqt dawn ix-xogħlijiet ħareġ ukoll li min kien għamel dan il-verniċ kien ipprova jnaddaf il-pittura minn nugrufun tax-xemgħat billi ħasel il-pittura bis-sapun u l-ilma. Madankollu l-kundizzjoni ġenerali tal-kwadru nstab li kienet relattivament tajba anki

wara li kien tpoġġa taħt raġġi ultra-vjola.

Apparti x-xogħol li diġà ssemma, kien inġabar ammont kbir ta' trab u debri fuq wara t-tila, li qatt ma kienet inqalgħet mill-1881. Saru wkoll xi interventi biex jissewwew partijiet żgħar mit-tila li kienet qed tinqasam jew li kienet reħiet xi ftit.



*F'ċertu postijiet it-tila kellha bżonn tissewwa għax kienet saritilha l-ħsara*

B'hekk wara tliet xhur il-kwadru kien ingħata d-dehra oriġinali tiegħu u f'April li għadda inġieb lura fil-knisja, fejn reġa' seta jitgawda mill-poplu Ħamruniż, f'din is-sena hekk importanti li fiha qed jitfakkar il-500 anniversarju mill-viżjonijiet ta' San Gejtanu.

